MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 45/2003

**Burmarrad Commercials Limited**

**Vs**

**Miriam Gerada**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' seba' mija w erbgha u sebghin lira Maltin (Lm774) dovuti bhala danni kkagunati fil-vettura DBI 497 proprjeta' tal-mittenti li kienet mikrija lill-konvenuta; kwantu sitt mija u disghin lira Maltin (Lm690) prezz ta' *parts* u *spray*, erbgha u ghoxrin lira Maltin (Lm24) bhala prezz ta' *tyres* u sittin lira Maltin (Lm60) bhala telf ta' uzu ghal tnax-il gurnata.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra illi l-konvenuta ma pprezentatx Risposta. Illi meta l-kawza giet differita ghas-sentenza l-konvenuta pprezentat

Nota fejn giet annessa Risposta fejn qalet li mhix il-legittimu kontradittur ghax ma kkagunat ebda danni lis-socjeta' attrici u li l-ammont mitlub huwa esagerat. Illi l-konvenuta naqset li tesebixxi rcevuta jew prova li din ir-Risposta gietipprezentata skond il-ligi.

Ra x-xhieda ta' Emanuel Gauci prodott mis-socjeta' attrici, fejn jikkonferma li l-konvenuta kienet kriet il-vettura msemmija fit-talba. Jghid li wara jumejn il-konvenuta kienet infurmat lis-socjeta' attrici li l-istess vettura kienet waqghet go kanal.

Ra x-xhieda ta' Charles Pullicino li huwa l-*foreman* in konnessjoni ma' *sprayers* u *panel beating* fejn jikkonferma li l-istess vettura kellha hafna hsara.

Ra x-xhieda ta' Miriam Gerada fejn tghid li l-*partner* taghha kien irranga mas-socjeta' attrici sabiex jiehu l-karozza. Tikkonferma li meta s-socjeta' attrici gabet il-karozza, l-konvenuta ffirmat il-kuntratt. Tghid ukoll illi l-*partner* taghha Joseph Cini kellu jmur ghand is-socjeta' attrici sabiex jiffirma l-kumplament. Tghid li Joseph Cini nfurmaha li kien habat bil-karozza.

Jirrizulta li l-konvenuta kriet il-vettura in kwistjoni u jirrizulta li meta l-vettura kienet fil-pussess taghha l-istess vettura kienet involuta f'incident. Il-fatt li l-konvenuta halliet persuna ohra fil-pussess ta' din il-vettura u dik il-persuna fil-fatt ikkaguna d-danni ma jfissirx li l-konvenuta m'hijiex responsabbli fil-konfront tas-socjeta' attrici. Il-konvenuta hadet vettura fi stat tajjeb u rritornat il-vettura fi stat li gie spjegat fil-kawza. Ma giex allegat li Cini ha l-karozza kontra r-rieda taghha.

Illi s-socjeta' attrici gabet provi bizzejjed biex turi d-danni li soffriet.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici, jiddikjara li l-konvenuta hi responsabbli ghall-hsarat li soffriet id-ditta attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas seba' mija w erbgha u sebghin lira Maltin (Lm774) bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------